*it-Tribunal ma kienx marbut li jistabbilixxi l-limiti tal-veloċità għal-lok partikolari fejn seħħ l-inċident għaliex kull prudenza hija neċessarja f'salib it-toroq u ċertament il-veloċità massima m'għandhiex titqies bħala veloċità prudenti meta hemm kull possibbiltà li titfaċċa vettura mit-triq l-oħra*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-23 ta' April, 2021

Appell Numru 31/2019 LM

**GasanMamo Insurance Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Carmel Calleja u l-istess Carmel Calleja u l-assigurat tagħha Emanuel Cassar u l-istess Emanuel Cassar**
*("l-appellati")*

***vs.***

**Samuel Stewart u Michael Seychell u permezz ta' digriet tat-3 ta' Ottubru 2018 ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* il-kumpannija Atlas Insurance PCC Limited**
*("l-appellanti")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intervenuta fil-kawza **Atlas Insurance PCC Limited (C 5601)** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intervenuta"], mil-lodo

arbitrali numru M5365/2018 mogħti fis-27 ta' Marzu, 2019, [minn issa 'l quddiem "il-lodo arbitrali"], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal", li permezz tiegħu ddeċida t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti **GasanMamo Insurance Limited (C 3143) u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Carmel Calleja u l-istess Carmel Calleja (K.I. nru 045746M), u tal-assigurat tagħha Emanuel Cassar u l-istess Emanuel Cassar (K.I. nru 115857M)**, [minn issa 'l quddiem "l-appellati"], fil-konfront tal-intimati **Samuel Stewart (K.I. nru 54999M)** u **Michael Seychell (K.I. nru 598283M)** [minn issa 'l quddiem "l-intimat Stewart" u "l-intimat Seychell" rispettivament]:

*"... billi ssib lill-intimat Samuel Stewart responsabbli għall-inċident stradali de quo fil-porzjon ta' żewġ terzi (2/3) u l-ssib lill-intimat Michael Seychell responsabbli għall-inċident stradali de quo fil-porzjon ta' terz (1/3) u b'hekk jikkundanna lill-intimat Samuel Stewart sabiex iħallas lill-kumpannija rikorrenti GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' tlett elef u tmien mitt Euro (€3,800), lir-rikorrent Carmel Calleja is-somma ta' tlieta u tletin Euro u tlieta u tletin ċenteżmi (€33.33) u lir-rikorrent Emanuel Cassar is-somma ta' tlieta u tletin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€33.33) u jikkundanna lill-intimat Michael Seychell sabiex iħallas lill-kumpannija rikorrent GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' elf u disa' mitt Euro (€1,900), lir-rikorrent Carmel Calleja is-somma ta' sittax il-Euro u sitta u sittin ċenteżmu (€16.66) u lir-rikorrent Emanuel Cassar is-somma ta' sittax il-euro u sitta u sittin ċenteżmu (€16.66)*

*L-ispejjeż ta' dan l-arbitraġġ flimkien ma' dawk konnessi mal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Marzu 2018 għandhom jitbatew għal żewġ terzi mill-intimat Samuel Stewart u għall-terz mill-intimat Michael Seychell, u, bl-imgħaxijiet mid-data ta' dan il-lodo".*

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem "l-inċident"] li seħħ fis-6 ta' Diċembru, 2017 fi Triq il-Liedna,

Fgura, fejn kienu nvoluti l-vettura JBS 552 misjuqa mill-intimat Stewart, il-vettura EBU 012 misjuqa mill-intimat Seychell, il-vettura BBW 679 proprjetà tal-appellat Carmel Calleja u l-vettura JBO 303 proprjetà tal-appellat Emanuel Cassar. L-inċident seħħ hekk kif il-vetturi misjuqa rispettivament mill-intimat Stewart u l-intimat Seychell waslu f'salib it-toroq li hemm bejn Triq il-Liedna u Triq San Pietru. Wara l-impatt ta' bejniethom, il-vettura misjuqa mill-intimat Seychell baqgħet miexja għal diversi metri f'Triq San Pietru, fejn ħabtet ukoll fiż-żewġ vetturi tal-appellati u dik bin-numru ta' reġistrazzjoni TFH 911, li kienu pparkeġġjati fuq kull naħa f'Triq San Pietru.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellati istitwew proċeduri ta' arbitraġġ quddiem it-Tribunal permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Talba ppreżentati fit-26 ta' April, 2018, fejn talbu sabiex l-intimat Stewart u l-intimat Seychell jiġu kkundannati li jħallsu lill-imsemmija appellati s-somma ta' ħamest elef u tmien mitt Euro (€5,800) rappreżentanti d-danni li huma soffrew b'riżultat tal-inċident inkwistjoni.

4. L-intimat Seychell wieġeb permezz ta' Risposta ppreżentata fl-14 ta' Mejju, 2018, fejn issottometta li ma kienx minnu li huwa kien jaħti għall-inċident, iżda kien proprju l-intimat Stewart li kien unikament responsabbli għalih.

5. Wara li s-soċjetà intervenuta ġiet awtorizzata mit-Tribunal tal-Arbitraġġ sabiex tintervjeni *in statu et terminis* fil-proċeduri tal-arbitraġġ, hija ppreżentat

ir-risposta tagħha fil-5 ta' Ottubru, 2018 fejn eċċepiet li l-inċident seħħ unikament tort tal-intimat Seychell u li mingħajr preġudizzju għal din l-eċċezzjoni, l-appellati kellhom iressqu prova tad-danni subiti.

## Il-lodo arbitrali

6. Fil-lodo arbitrali tiegħu l-Arbitru għamlel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Kunsiderazzjonijiet***

***Kunsiderazzjonijiet Dwar in-Nuqqas ta' Risposta tal-Intimat Samuel Stewart***

*Illi ikkunsidrati l-fattispecie partikolari tal-każ odjern, u ċioe dawk naxxenti mill-fatt illi l-vetturi tar-rikorrenti Carmel Calleja u Emanuel Cassar kienu involuti fl-inċident b'mod passiv, ir-responsabilità tal-inċident li għalih jirreferu dawn il-proċeduri ta' arbitraġġ taqa' jew fuq entrambi l-intimati jew fuq xi wieħed jew l-ieħor minnhom. Il-kompitu veru propju ta' dan it-Tribunal ta' Arbitraġġ mhijiex għalhekk dwar jekk dan it-Tribunal għandux jilqa' jew jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti – u dan in kwantu jirriżulta li r-rikorrenti għandhom tassew id-dritt li jiġu risarċiti b'mod ġust u ekwu għad-danni minnhom sofferti - iżda dwar min mill-intimati, jekk mhux it-tnejn, huwa responsabbli għall-inċident u għalhekk responsabbli sabiex jagħmel tajjeb għad-danni minnu kaġunati.*

*Filwaqt li l-intimat Michael Seychell ippreżenta Risposta bil-Miktub li permezz tagħha jiċħad kategorikament ir-responsabilità tiegħu għal dan l-inċident u jgħid illi r-responsabilità għal dan l-inċident taqa' fuq spallejn l-intimat Samuel Stewart, dan tal-aħħar naqas milli jippreżenta Risposta bil-Miktub minkejja li huwa meqjus li ġie debitament notifikat bl-Avviz tal-Arbitraġġ u bit-Talba bil-Miktub in kwantu jirriżulta mill-atti ta' dan l-arbitraġġ illi l-passi proċedurali meħtiega u preskritti fir-Regoli tal-2004 dwar l-Arbitraġġ ġew debitament osservati.*

*It-Tribunal jqis ukoll illi minkejja li huwa evidenti illi l-kumpannija intervenuta Atlas Insurance PCC Limited ntvolat Risposta tal-Intimat, din ir-Risposta hija tal-intervenuta Atlas Insurance PCC Limited u ma tistax titqies bħala risposta tal-intimat Samuel Stewart. Dan minkejja li l-istess intervenuta teċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrenti inkwantu diretti fil-konfront tal-intimat Samuel Stewart għandhom jiġu*

*respinti u dan peress illi fil-fehma tagħha l-istess intimat mhuwiex responsabbli għall-inċident de quo.*

*Il-Tribunal ikkunsidra wkoll il-fatt illi fil-mument tal-inċident l-intimat Stewart kien sprovvist minn liċenzja tas-sewqan. Filwaqt li din il-kunsiderazzjoni ma tinċidix fuq ir-responsabilità ċivili tal-intimat Stewart, il-kunsiderazzjoni tissostanzja r-raġuni għat-talba ta' Atlas Insurance PCC Limited sabiex mill-banda l-waħda tintervjeni f'dawn il-proċeduri u mill-banda l-oħra sabiex ma tassuminx b'mod dirett id-difiża tal-intimat Samuel Stewart.*

*L-intimat Samuel Stewart ma jistax għalhekk jitqies għajr parti konvenuta li, minkejja li tkun ġiet debitament notifikata b'att ġudizzjarju li jagħti lok għal proċeduri kontenzjużi li jeħtieġu tweġiba, jkun naqas milli jwieġeb għall-istess. Il-ġurisprudenza rigwardanti l-posizzjoni ta' parti kontumaċi li għandha tapplika fir-rigward tal-intimat Samuel Stewart hija ormai kostanti u konkordi. Għalhekk Samuel Stuart, fil-kontumaċja tiegħu, għandu jitqies li qiegħed jikkontesta t-talba tar-rikorrenti fil-konfront tiegħu (fn. 1* fost diversi sentenzi in tema ara **Joseph Vella v. Pierre Cremona**, Qorti tal-Appell, App. Nru. 138/2000/2, 10 ta' Ottubru 2003; **Giuseppe Wismayer v. Giovanni Magro**, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru 1934 Kollez. Vol. XXIX P III p 35; **Joseph Edmond Mizzi v. Brian Mizzi nomine et**, Qorti tal-Appell, 27 ta' Marzu 1996; **SMS Insurance Agency Limited vs Irving & Co Ltd**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 7 ta' Lulju, 2005, Appell Nru. 35/2001/1; **Dr Raphael Patiniott v. Vincent Bonett**, Qorti tal-Appell, App. Nru. 304/2008, 27 ta' Marzu 2015; **Anthony Grech v. Joseph Farrugia**, Qorti tal-Appell, 17 ta' Frar 2004, Appell Nru. 281/1976).

***Kunsiderazzjonijiet Dwar l-Evalwazzjoni tal-Provi***

*Huwa bil-ferm evidenti illi l-verżjonijiet mogħtija minn kull wieħed mill-intimati rigward id-dinamika tal-inċident huma dijametrikament opposti għal xulxin. Filwaqt li din is-sitwazzjoni mhijiex xi novità fi proċeduri kontenzjużi, tant illi ta' spiss jiġri illi l-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti joffru verżjonijiet kontrstanti dwar il-kawża tal-inċident, sitwazzjonjiet bħal dawk tallum żgur li ma jirrendux faċli l-kompitu ta' min irid jiġġudika.*

*Fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-provi, il-Qrati tal-Ġustizzja ta' dawn il-gżejjer esprimew ruħhom f'diversi okkażjonijiet rinfaċċjati b'sitwazzjonijiet konsimili għal dawk tallum. Għalhekk, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Estate Catering Houseware Enterprises v. Sergio Manche et** (fn. 2* Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 18 ta' April 2007, Rik. Nru. 800/07; ara wkoll **GO p.l.c. vs. Schembri Angelo et**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 21/2/2018, 1017/14LM)*, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, b'referenza*

*għas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi**, rriteniet:*

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio)*, sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta il-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)*. Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5;

(2) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, "jista'" jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta" (Kollez. Vol. XXXVII P I p 577);

(3) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta alligata et probata*, u dan jimporta illi d-deċizjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti abbazi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' revizjoni. Ara, b' ezempju, Kollez. Vol. XXIV P I p 104;

*Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilaq** (fn. 3* Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Ottubru, 2003, Ċit. Nru. 462/2002) *fejn ġie ritenut illi:*

"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja,

verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' *"in dubio pro reo"*.

*u dan filwaqt li rriteniet illi:*

"Il-konflitt tal-provi huma xi ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibiltà u partikolarment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, ukoll fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant *(Farrugia vs Farrugia, deċiza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966).*

*Fl-istess sentenza saret referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet* ***Mario Mifsud vs Carmelo Mifsud*** *(fn. 4 12 ta' Novembru 2003, Ċit. Nru. 1536/99) permezz ta' liema gie insenjat dak li jsegwi :*

"Issa huwa minnu illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega fatt u mhux fuq min jinnegah. Dan jgħidu espressament l-Artikolu 562 tal-Kap 12. Tajjeb f'dan l-istadju li jiġi preċiżat illi l-prinċipju tal-oneru tal-provi ma jfissirx illi d-dimostrazzjoni tal-fatti kostituttivi tad-dritt pretiż trid tiġi rikavata esklussivament minn provi offerti minn min huwa gravat b'dan l-oneru. Dan għaliex dejjem jistgħu jiġu utilizzati elementi probatorji oħrajn akkwiżiti fil-proċess, in kwantu fl-ordinament ġuridiku tagħna jviġi l-prinċipju li r-riżultanzi istruttorji jistgħu jiġu ottenuti bi kwalsiasi mod, anke indipendentement mill-inizjattiva tal-parti, basta jikkonkorru flimkien u indistintament għall-konvinċiment tal-ġudikant. Fil-verità xejn ma hu eskluż, lanqas l-użu ta' prova fornita minn parti li kapaċi tforni elementi favorevoli lill-kontro-parti.

Konformement ma' dan il-kunċett hemm dak li l-piż probatorju tal-konvenut in sostenn tal-eċċezzjonijiet tiegħu tinsorġi fih una volta l-attur minn naħa tiegħu ikun ġab prova ta' fatt jew fatti li jsostnu l-bażi tat-talba tiegħu. Dan għaliex l-insuffiċjenza jew in-nuqqas tal-prova taċ-ċirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attriċi ma tiddispensax lill-attur mill-

oneru li adegwatament jiddimostra l-leġittimità u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tiegħu.

Fil-każ, imbagħad, li l-konvenut ma jikkuntentax ruħu bis-sempliċi kontestazzjoni ġenerika tal-assunt tal-attur, u anzi jikkontrapponga difiża artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti l-bażi tad-domanda attriċi, u dan tramite eċċezzjoni sostanzjali, allura jinsorġi fih l-obbligu li hu wkoll iġib il-quddiem prova dimostrattiva a sensu tal-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f'każ ta' prova insuffiċjenti jew insodisfaċenti."

*Issir referenza finalment għas-sentenza fl-ismijijiet* ***Bernard Gatt v. Keith Borg*** *(fn. 5 1107/14, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 22 ta' Mejju 2017) f'liema sentenza l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk dwar il-kunflitt ta' provi:*

"Il-Qorti trid tiddeċiedi l-kwistjoni bejn il-partijiet skont il-liġi iżda abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li dak li qed jallega jrid jippruvah hu jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jipprovdi ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12, id-danni allegatament sofferti mill-atturi u l-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż inkorsi minnhom iridu jippruvawhom l-atturi, però kull ċirkostanza oħra sollevata mill-konvenut irid jippruvaha hu. Min-naħa l-oħra bħalma ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet Josef Grech vs. Joanne Testa, skont il-ġurisprudenza nostrana, f'każ ta' kunflitt fil-provi l-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probbabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

*Għalhekk, dan it-Tribunal għandu jifli u jikkunsirdra il-provi kollha prodotti u b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabilità għall-inċident: id-deposizzjoni ta' Michael Seychell u dik ta' Samwel Stuart flimkien mal-provi indizzjarji kollha, fosthom l-entità tal-ħsarat riskontrati, sabiex fuq bilanċ ta' probabilitajiet jasal sabiex jiddeċiedi minn mill-intimati huwa responsabbli għall-inċident li dawn il-proċeduri jirreferu għalih.*

***Kunsiderazzjonijiet fil-Mertu***

*Dan it-Tribunal ta' Arbitraġġ jibda billi josserva illi kemm l-intimat Michael Seychell u kif ukoll l-intimat Samuel Stewart jirritjenu illi qabel prosegwew sabiex jaqsmu salib it-toroq, huma kienu waqqfu fuq l-i*stop sign *rispettiva, li kienu ħarsu sabiex jaraw setgħux jaqsmu mingħajr xkiel u li ma kienu raw ebda vetturi ġejjin meta huma proċedew sabiex jaqsmu l-istess salib it-toroq. Jiġi osservat ukoll illi l-verżjonijiet*

*mogħtija* in tempo vergine *lill-gwardjan lokali li investiga l-inċident kif jirriżulta mir-rapport esebit bħala Dok. GMI1 jaqbel mal-verżjonijiet li kull parti xehdet fil-mori tas-smigħ ta' dan l-arbitraġġ, salv għall-korrezzjoni minuri li għamel l-intimat Seychell. Huwa f'kull eventwalità evidenti illi li kieku kull waħda mill-verżjonijiet taż-żewġ sewwieqa għandha mis-sewwa, dan l-inċident ma kienx iseħħ.*

*It-Tribunal ta' Arbitraġġ ikkunsidra illi t-toroq li fihom kienu qegħdin jinstaqu l-vetturi huma toroq pjuttost dojoq, b'karreġġata unika f'direzzjoni unika f'żona residenzjali u li dawn iż-żewġ toroq huma ta' importanza ugwali. It-Tribunal ikkunsdra ulterjorment illi l-intimat Samuel Stewart kellu obbligu strett li jieqaf fuq l-i*stop sign *fi Triq San Pietru kantuniera ma' Triq il-Liedna qabel jipproċedi oltre, filwaqt li l-intimat Michael Seychell kellu obbligu strett lil jieqaf fuq l-i*stop sign *fi Triq il-Liedna kantuniera ma' Triq San Pietru qabel jipproċedi oltre.*

*It-Tribunal ikkunsidra wkoll illi l-iskizz formati parti mir-rapport imħejji mill-gwardjan lokali mhuwiex skalat u ftit li xejn jista' dan it-Tribunal jistrieħ fuqu. It-Tribunal josserva illi l-vettura misjuqa mill-intimat Michael Seychell u mmarkata bl-ittra 'b' fuq l-iskizz kienet wasslet oltre l-punt indikat fuq l-iskizz, liema stat ta' fatt huwa stabbilit permezz tar-ritratti a fol. 7/9 u 8/9 tal-istess rapport. Jirriżulta wkoll illi l-vann misjuq mill-intimat Samuel Stewart waqaf aktar 'il quddiem minn fejn indikat fl-iskizz bl-ittra 'A', liema fatt huwa wkoll stabbilit permezz tar-ritratti a fol. 7/9 u 8/9 appena msemmija. Di più, l-gwardjan lokali naqas milli jiffotografa l-vettura proprjetà tal-intimat Michael Seychell biex b'hekk jiġu stabbiliti l-ħsarat sofferti f'din il-vettura, u fir-rigward it-Tribunal sejjer jistrieħ fuq id-deskrizzjoni tal-ħsarat fir-rapport fejn dawn ġew indikati bħala "*ALL FRONT*" u d-deposizzjoni ta' entrambi x-xufiera li wkoll jiddeskrivu l-ħsarat fuq din il-vettura bħala frontali. Bl-istess mod, il-gwardjan lokali naqas milli jiffotografa l-ħsarat subiti fil-vetturi TFH911 u JBO303, għalkemm dawk fil-vettura tal-aħħar jirriżultaw mis-*survey report.

*Kunsidrat l-assjem tal-provi aktar 'il fuq f'dan il-lodo eżaminati, il-Tribunal jqis illi ftit li xejn tista' titqies verosimili x-xhieda tal-intimat Samuel Stewart in kwantu jafferma illi huwa kien waqaf fuq l-i*stop sign *fi Triq San Pietru u li, sabiex ikollu vista aħjar ta' Triq il-Liedna, huwa kien ħareġ bil-mod. Anke jekk il-ħsarat riskontrati fil-vetturi BBW679 u JBO303 jistgħu in parti jitqiesu li huma estensivi in vista tal-fatt illi dawn ġew kaġunati minn vann u mhux minn vettura ta' għamla u daqs simili tagħhom, kemm il-portata tal-ħsarat u kif ukoll id-distanza li mexa l-vann qabel waqaf jimmilita kontra t-teżi tal-intimat li huwa kien* ***waqaf għal kollox*** *(sic!) fuq l-i*stop sign. *Fi kliem ieħor, it-Tribunal ma jqisx bħala verosimili l-verżjoni mogħtija mill-intimat Samuel Stewart u b'mod partikolari li huwa kien proċeda bil-mod li jgħid fix-xhieda tiegħu.*

*Illi lanqas ma jqis dan it-Tribunal verosimili x-xhieda tal-intimat Michael Seychell in kwantu jafferma illi huwa kien* ***waqaf għal kollox*** *(sic!) l-i*stop sign *fi Triq il-Liedna u li sabiex ikollu vista aħjar ta' Triq San Pietru kien ħareġ bil-mod. Kemm il-viżwali li kellu ta' Triq San Pietru, kemm il-posizzjoni li fiha waqqfet il-vettura minnnu misjuqa, u kif ukoll il-ħsarat riskontrati fil-vettura tiegħu jimmitaw kontra din it-teżi. It-Tribunal ikkunsidra wkoll dak li jafferma l-intimat Seychell fis-sens illi ma kienx huwa li ħabat ġol-vann iżda li l-vann kien tkaxkar miegħu, u dan mill-kabina lura. Fl-ebda mument ma xehed l-intimat Seychell illi huwa kien għamel xi manuvra meta lemaħ lill-vann ġej b'saħħa kbira. Il-loġika madanakollu tiddetta illi li kieku dan kien minnu, u ċioe illi l-vettura tal-intimat Seychell kienet ġia ħarġet meta lemaħ lill-vann ġej, wieħed kien jistenna illi l-ħsarat fil-vettura tal-intimat Seychell ma kienux ikunu għal kollox frontali u l-vettura mal-inċident ma kinitx tieqaf dritta fit-triq kunsidrat illi skont l-imtimat Seychell il-vann tkaxkar mal-vettura tiegħu.*

*Din ix-xhieda tikkuntrasta max-xhieda tal-initmat Stewart li jirritjeni illi l-intimat Seychell kien laqat il-vann fuq ir-rota ta' wara. Fost il-ħsarat imniżżla fir-rapport hemm "Left Rear Wheel" li hija indikattiva ta' impatt dirett mar-rota. Ix-xhieda ta' Stewart, fil-fehma ta' dan it-Tribunal ta' Arbitraġġ, jikkorobora dak li xehed l-intimat Seychell u ċioe illi l-impatt mal-vann kien mill-kabina lura.*

*Il-ħsarat li ġarrbet il-vettura TFH911 joffru prova indizzjarja oħra. Dan it-Tribunal jqis, kunsidrat kemm il-ħsarat riskontrati fil-vettura TFH911 li kienet parkeġġjata fuq in-naħa tal-lemin ta' Triq San Pietru, u l-ħsarat fil-vetturi JBO303 u BBW 679 parkeġġjati fuq in-naħa tax-xellug ta' Triq San Pietru, illi f'attent li jevadi l-vettura misjuqa mill-intimat Seychell u saħansitra bl-impatt, l-initmat Stewart ġibed lejn il-lemin tiegħu u sabiex jevita l-vettura TFH911 reġa' ġibed lejn ix-xellug bil-konsegwenza li ħabat ġol-vetturi JBO303 u BBW679. Huwa wisq probabbli illi l-impatt bejn il-vann u TFH911 ma seħħx bil-parti ta' quddiem tal-vann, tant illi l-intimat Stewart lanqas kien f'posizzjoni li jgħid jekk il-vann kienx laqat din il-vettura.*

*Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal ta' Arbitraġġ iqis illi dan l-inċident huwa riżultat ta' inkurja kemm da parti tal-intimat Seychell u kif ukoll da parti tal-intimat Stewart, u dan meta kull wieħed minnhom naqas milli josserva s-senjaletika, u ċioe meta entrambi ħarġu min fuq* stop sign *mingħajr ma waqqfu bil-konsegwenza li kull wieħed minnhom ostruwixxa l-passaġġ liberu tal-ieħor u ħolqu emerġenza subintaneja li ħadd minnhom ma kien f'qagħda li jevadi. Fil-każ tal-intimat Stewart jirriżulta illi l-veloċità li biha kien għaddej kien element kontributorju ieħor u b'hekk ikkawża danni akbar minn dak li kien ikun il-każ li kieku l-vettura minnu misjuqa kienet qegħda tinstaq b'veloċità xierqa. Għal din ir-raġuni dan it-Tribunal iqis illi r-responsabilità tal-intimat Stewart hija fi grad ogħla minn dik tal-intimat Seychell u*

*għal din ir-raġuni r-responsabilità sejra tiġi spartita in kwantu għal żewġ terzi fuq l-intimat Stewart u terz fuq l-intimat Seychell.*

**Quantum**

*Illi ma jirriżultax mill-atti ta' din il-proċedura illi hemm kontestazzjoni dwar il-* quantum *tad-danni li qed jintalab.*

*Mill-atti jirriżulta illi l-ħlas li għamlet il-kumpannija rikorrenti lill-assigurati tagħha kien fis-somma komplessiva ta' €5,800. Din is-somma hija magħmula mis-segwenti: (i) u ċioe is-somma ta' €4,500 mħallsa lir-rikorrenti Carmel Calleja minn liema somma trid titnaqqas is-somma ta' €1,200 rappreżentanti l-valur tal-vettura BBW679 bħala* wreck*, b'hekk id-danni netti jammontaw għas-somma ta' €3,300; u (ii) s-somma ta' €2,500 mħallsa lir-rikorrenti Emanuel Cassar bħala* cash settlement *minkejja li l-ħsarat fil-vettura tiegħu kienu jlaħħqu s-somma ta' €3,074.40.*

*Madanakollu, it-talba mressqa mill-kumpannija rikorrenti in kwantu jirrigwarda dak lilha dovut huwa limitat għas-somma ta' €5,700. B'hekk, u sabiex id-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal ta' Arbitraġġ ma tiżboqx it-talba, is-somma li l-intimati sejrin jiġu kkundannati jħallsu favur il-kumpannija GasanMamo Insurance Limited hija dik ta' €5,700.*

*Mil-atti jirriżulta wkoll mhux kontestat u sorrett bi provi illi r-rikorrenti Carmel Calleja ħallas* excess *fis-somma ta' €50 filwaqt li Emanuel Cassar ukoll ħallas* excess *fis-somma ta' €50, liema somom huma għandhom jirċievu mingħand l-intimati fil-proporzjon ta' responsabilità stabbilit.*

***Imgħax***

*In vista tal-ispartit tar-responsabilità bejn iż-żewġ rikorrenti u kif ukoll in vista tal-fatt li l-ittra uffiċjali esebita bħala Dok. CG1 tirreferi unikament għad-danni subiti minn Carmel Calleja u mhux ukoll għad-danni subiti minn Emanuel Cassar, it-Tribunal jqis li jkun ġust u ekwu fiċ-ċirkustanzi illi l-imgħaxijiet mitluba jibdew jiddekorru mid-data ta' dan il-lodo. "*

## <u>L-Appell</u>

7. Is-soċjetà intervenuta ħasset ruħha aggravata bid-lodo arbitrali u interponiet appell fit-12 ta' April, 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex

tirrevoka l-imsemmi lodo, u minflok issib li l-appellat Seychell huwa unikament responsabbli għall-inċident u għad-danni konsegwenzjali kollha, jew f'porzjon li għandu jkun akbar minn terz, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-imsemmi intimat Seychell. Tgħid li l-aggravji huma s-segwenti: (i) it-Tribunal naqas milli jieħu inkonsiderazzjoni r-Regolament 82 tal-Vetturi bil-Mutur u l-artikolu 214 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq; (ii) it-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-obbligi li r-regolamenti tat-traffiku u s-sentenzi relattivi jimponu fuq sewwieqa li jkunu neżlin niżla; (iii) it-Tribunal kkonkluda li l-intimat Seychell kien qed isuq b'veloċità eċċessiva; u (iv) il-Qrati dejjem taw importanza kbira lil dak li jkunu stqarrew *a tempo vergine* lill-*wardens/*pulizija.

**Ir-Risposti tal-Appell**

8. L-appellati wieġbu fit-3 ta' Mejju, 2019 fejn irrimettew ruħhom kemm għal-lodo arbitrali, u wkoll għall-eventwali deċiżjoni ta' din il-Qorti.

9. L-intimat Seychell ippreżenta r-risposta tiegħu fit-30 ta' Mejju, 2019 fejn issottometta li l-lodo arbitrali huwa wieħed ġust u jimmerita konferma għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fir-risposta tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

10. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tas-soċjetà intervenuta fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet magħmula mit-Tribunal fil-lodo arbitrali u tar-risposta tal-intimat Seychell.

11. Qabel ma tispjega l-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà intervenuta tiddikjara li hija mhijiex qiegħda tikkontesta l-fatt illi ż-żewġ sewwieqa kienu obbligati li jħarsu l-i*stop signs* rispettivi fit-toroq minn fejn huma kienu għaddejjin. Iżda qiegħda tilmenta mill-fatt li t-Tribunal naqas milli japplika r-Regolament 82 tar-Regolamenti tal-Vetturi bil-Mutur u l-artikolu 214 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq. Peress li kienet il-vettura misjuqa mill-intimat Stewart li kienet fuq in-naħa tal-lemin, l-intimat Seychell kellu jagħtih preċedenza. It-tieni aggravju tas-soċjetà intervenuta huwa li t-Tribunal naqas milli jieħu inkonsiderazzjoni r-Regolamenti tat-Traffiku fejn tiċċita l-artikolu 278 tal-Kodiċi għat-Traffiku, u s-sentenzi relattivi fir-rigward tal-obbligi ta' sewwieq nieżel niżla. Jirriżulta li t-tielet aggravju tagħha fir-rigward tal-lodo arbitrali huwa dwar l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal dwar il-kontributorjetà akbar għall-inċident stante l-veloċità li biha kien qed isuq l-intimat Stewart, fejn tirrileva s-segwenti: (i) ma jirriżultax mil-lodo arbitrali kif it-Tribunal wasal sabiex iddeċieda li l-intimat Stewart kien qed isuq b'veloċità eċċessiva; (ii) il-lodo arbitrali ma kienx jindika x'kien il-limitu tal-veloċità u kif dan inqabeż mill-intimat Seychell; (iii) m'hemm l-ebda prova fuq il-bilanċ ta' probabbilitajiet li l-intimat Stewart kien qed isuq b'veloċità eċċessiva; (iv) skont il-ġurisprudenza kostanti, il-veloċità eċċessiva għandha rilevanza biss meta tkun il-kawża immedjata u prossima tal-akkadut u mhux meta twassal għal ħsarat akbar fil-vetturi. Is-soċjetà intervenuta tispjega li r-raba' aggravju tagħha fir-rigward tal-lodo arbitrali huwa li filwaqt li l-qrati dejjem jagħtu importanza sostanzjali għal dak li s-sewwieqa jgħidu *a tempo vergine* lill-*wardens/*pulizija, tagħmel riferiment għal dak li qal l-intimat Seychell *a tempo vergine* u dak li qal waqt is-

seduta tas-27 ta' Novembru, 2018, u tgħid li l-intimat Stewart min-naħa l-oħra dejjem baqa' konsistenti.

12. L-intimat Seychell jilqa' billi jgħid li l-fatt li r-responsabbilità għall-inċident ġiet spartita bejnu u l-intimat Stewart, ma kienx iffisser li ma kienx ġie applikat r-Regolament 82 u l-artikolu 214, u dan għaliex kien jirriżulta biċ-ċar li ż-żewġ intimati naqsu mill-obbligu tagħhom li jżommu *a proper lookout.* Ikompli jgħid li r-raġuni għaliex ir-responsabbiltà għall-inċident ġiet spartita b'mod inugwali, kienet li t-Tribunal deherlu li n-nuqqasijiet tal-intimat Stewart kienu aktar serji, u li anki kellhom kontribut akbar għall-inċident. Isostni li l-mod ta' kif ir-responsabbiltà tiġi spartita għandha titħalla fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u fil-każ odjern it-Tribunal sab li l-veloċità eċċessiva tal-intimat Stewart kienet ikkontribwiet għall-akkadut. Jirrileva li din il-veloċità eċċessiva kienet tirriżulta kemm mill-ħsarat, imma anki mill-fatt fejn waqaf wara l-ħabta.

13. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal iddeċieda sew il-vertenza bejn il-partijiet u huma tassew siewja u xierqa l-osservazzjonijiet tiegħu dwar kif seħħ l-akkadut, f'każ fejn iż-żewġ sewwieqa taw verżjoni konfliġġenti. It-Tribunal beda billi osserva li kemm l-intimat Seychell, kif ukoll l-intimat Stewart, irritenew li hekk kif waslu f'salib it-toroq huma waqqfu fuq l-i*stop sign* rispettiva tagħhom, ħarsu sabiex jassiguraw ruħhom jekk setgħux jaqsmu bla xkiel u li ma kienu raw l-ebda vettura oħra ġejja meta qabdu jaqsmu salib it-toroq. It-Tribunal osserva li dan kollu kien jaqbel mal-verżjoni li huma taw *a tempo vergine* lill-gwardjan lokali skont kif irriżulta minn Dok. GMI1, ħlief għal korrezzjoni żgħira li għamel l-intimat Seychell. Hawnhekk il-Qorti filwaqt li tikkonsidra dak li tissolleva s-soċjetà intervenuta dwar l-allegata verżjoni differenti li l-intimat

Seychell ta lill-gwardjan minn dik li ta bil-ġurament quddiem it-Tribunal, tgħid li fiż-żewġ verżjonijiet l-intimat Seychell jispjega li huwa kien waqaf fuq l-i*stop sign,* u fiż-żewġ verżjonijiet jgħid ukoll li huwa kien sussegwentement saq, u s-soċjetà intervenuta tgħid li l-intimat Seychell għalhekk kien konsistenti fir-rigward ta' x'għamel sal-punt li fih sar l-impatt.

14. It-Tribunal imbagħad filwaqt li kkonsidra li t-toroq li fihom kienu qegħdin isuqu l-intimati kienu pjuttost dojoq, b'karreġġata unika f'direzzjoni unika f'żona residenzjali u b'importanza ugwali, stqarr li l-iskizz tal-gwardjan lokali ma kienx wieħed skalat, u għalhekk ma setax jistrieħ fuqu u għamel paragun mar-ritratti esebiti in sostenn ta' dan. Qal ukoll li l-gwardjan lokali kien naqas milli jieħu ritratti tal-ħsarat fil-vettura tal-intimat Seychell, u għalhekk kien ser ikollu jistrieħ fuq id-deskrizzjoni tal-ħsarat fir-rapport. It-Tribunal ikkonsidra tajjeb tassew li mill-assjem tal-provi ma setax iqis verosimili x-xhieda tal-intimat Stewart, fejn huwa qal li kien waqaf fuq l-i*stop sign* fi Triq San Pietru, u sabiex ikollu vista aħjar ta' Triq il-Liedna, huwa ħareġ bil-mod. Hawnhekk it-Tribunal għamel riferiment partikolari għall-portata tal-ħsarat fil-vetturi l-oħra BBW679 u JBO303, imma meħud inkonsiderazzjoni wkoll l-għamla tal-vettura li kien qed isuq, u anki d-distanza li mexa l-vann qabel ma waqaf. Il-Qorti ma tistax hawn taċċetta dak li qiegħda ssostni s-soċjetà intervenuta li t-Tribunal ma ssostanzjax il-konklużjoni tiegħu li l-intimat Stewart kien qed isuq b'veloċità eċċessiva. Tqis li l-osservazzjonijiet dwar il-ħsarat li ġarrbu l-vetturi l-oħra pparkeġġjati u t-tul tad-distanza li kompla mexa l-vann qabel ma waqaf, huma tassew rilevanti u meħud inkonsiderazzjoni dawn iż-żewġ fatturi, il-Qorti ma tistax tasal għal konklużjoni oħra għajr dik tat-

Tribunal. Tgħid li t-Tribunal hawnhekk ma kienx marbut li jistabbilixxi l-limiti tal-veloċità għal-lok partikolari fejn seħħ l-inċident għaliex kull prudenza hija neċessarja f'salib it-toroq u ċertament il-veloċità massima m'għandhiex titqies bħala veloċità prudenti meta hemm kull possibbiltà li titfaċċa vettura mit-triq l-oħra. Għalhekk ir-regolament 220 tal-Kodiċi Għat-Traffiku fit-Triq jipprovdi kif ġej:

> *"220. Irregola s-sewqan tiegħek għat-tip u l-kondizzjoni tat-triq li tkun fiha. B'mod partikolari*
>
> *• tqisx il-limitu ta' veloċità bħala mira. Ħafna drabi perikoluż u mhux xieraq li ssuq sal-limitu tal-ogħla veloċità.*
> *• ikkunsidra l-kundizzjonijiet tat-triq u tat-traffiku. Kun lest għal sitwazzjonijiet mhux mistennija jew diffiċli, per eżempju li t-triq tkun imblukkata wara kantuniera. Kun lest biex taġġusta l-veloċità tiegħek bħala prekawzjoni.*
> *• fejn hemm triq tagħqad ma' oħra, kun lest għal xi vettura ħierġa.*
>
> *..."*

15. It-Tribunal stqarr li lanqas kien qed jikkonsidra verosimili x-xhieda tal-intimat Seychell li huwa kien waqaf għalkollox fuq l-i*stop sign* fi Triq il-Liedna, u jgħid li l-viżwali ta' Triq San Pietru, il-posizzjoni li waqfet il-vettura misjuqa minnu u l-ħsarat riskontrati fil-vettura tiegħu, kollha kienu jikkontradixxu l-verżjoni tiegħu. Filwaqt li ħa inkonsiderazzjoni li l-intimat Seychell kien qal li ma kienx huwa li ħabat fil-vann, iżda li dan kien tkaxkar miegħu, it-Tribunal osserva li kieku kien minnu li l-vettura tal-intimat Seychell kienet diġà ħarġet meta lemaħ il-vann tal-intimat Stewart, kien mistenni li l-ħsarat fil-vettura tiegħu ma jkunux għalkollox frontali u l-vettura ma kinitx tieqaf dritta. It-Tribunal jgħid li din ix-xhieda tikkontrasta ma' dik tal-intimat Stewart, li rritjena li l-intimat Seychell kien laqat il-vann fuq ir-rota ta' wara u dan fil-fatt kien

jirriżulta mill-ħsarat elenkati fir-rapport. It-Tribunal mbagħad għadda sabiex evalwa l-ħsarat fit-tliet vetturi l-oħra, u stqarr li sabiex jevita l-vettura misjuqa mill-intimat Seychell u anki l-impatt magħha, l-intimat Stewart ġibed lejn il-lemin u mbagħad lejn ix-xellug. It-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-inċident seħħ riżultat ta' traskuraġni taż-żewġ intimati meta ħarġu minn fuq *stop sign* mingħajr ma waqqfu. Hawn il-Qorti ser tindirizza l-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà intervenuta, fejn hija qiegħda tikkontendi li l-intimat Seychell kellu jagħti preċedenza lill-vettura tal-intimat Stewart li kienet fuq il-lemin tiegħu, u dan skont kif jitlob ir-Regolament 82 tar-Regolamenti tal-Vetturi bil-Mutur u l-artikolu 214 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq. Il-Qorti tgħid li huwa proprju għalhekk li t-Tribunal jgħid li mhux biss l-intimat Stewart, iżda anki l-intimat Seychell naqas meta ħareġ minn fuq *stop sign,* u b'hekk akkorda lilu terz mir-responsabbiltà tal-akkadut. Iżda ċertament ma setax jinstab responsabbli waħdu għall-akkadut meta rriżulta li l-intimat Stewart kien saq minn fuq *stop sign* bl-istess mod traskurat.

16. It-Tribunal jkompli billi jsostni li l-veloċità li biha kien qed isuq l-intimat Stewart kienet element kontributorju ieħor sabiex b'hekk id-danni riżultanti kienu akbar minn dawk li setgħu rriżultaw kieku kienet qiegħda tinstaq b'veloċità xierqa. Qabelxejn il-Qorti hawn tixtieq tindirizza t-tieni aggravju tas-soċjetà intervenuta fejn tilmenta li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra li l-intimat Seychell ma kienx ħares l-obbligi tiegħu skont ir-regolamenti tat-traffiku u s-sentenzi relattivi fir-rigward ta' sewwieq li kien nieżel niżla. Tirrileva li fid-dawl tal-provi miġjuba, il-veloċità li biha kien qed isuq l-intimat Seychell ma kinitx rilevanti għaliex saħansitra ma rriżultax li huwa kien qed isuq b'veloċità aktar

minn dik li kienet prudenti. Għalhekk l-osservazzjoni tas-soċjetà intervenuta li l-intimat Seychell kien qed isuq f'niżla u kellu juri aktar prudenza, hija rrilevanti.

17. Imbagħad il-Qorti tkompli billi tagħraf li t-Tribunal ma kkonsidrax biss li l-veloċità eċċessiva tal-intimat Stewart waslet għal ħsarat akbar, iżda tgħid li fl-istess ħin it-Tribunal hawn kien qed jikkonsidra li dik il-veloċità kkontribwiet għall-inċident. Ċertament b'veloċità aktar prudenti, kif kienet tirrikjedi s-sitwazzjoni partikolari tal-intimat Stewart skont ir-regolament 220 fuq ċitat, l-inċident seta' saħansitra ġie evitat jew ta' mill-inqas ma kienx iħalli danni fuq vetturi ta' terzi. Il-Qorti hawn tagħraf li l-intimat Stewart kien f'sitwazzjoni fejn diġà kien naqas milli jħares ir-regolamenti tat-traffiku meta tqis li fil-probabbiltà kollha huwa ma kienx waqaf fuq l-i*stop sign*, u għalhekk il-veloċità tiegħu kkontribwiet għas-sewqan perikoluż tiegħu.

18. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-aggravji tas-soċjetà intervenuta mhumiex ġustifikati u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell tas-soċjetà intervenuta billi tiċħdu, filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-appellati u tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intervenuta u tal-intimat Seychell u tal-intimat Stewart, u tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu skont il-lodo arbitrali, u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà intervenuta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**